





# Il-Verb Semitiku







Sa Oriana Bonnici
Kulleġġ St.Jeanne Antide, Ħal Tarxien

# Il-Verb Semitiku

- Verb juri azzjoni jew stat.
- Il-Verb Semitiku hu mibni fuq **il-Mamma u l-Għerq**.
- Biex issib il-Mamma tistaqsi: **X'għamel hu lbieraħ?**
- Biex issib l-Għerq trid tara liema huma **l-konsonanti fil-Mamma.**

# Il-Mamma u l-Għerq

- Biex issib il-Mamma dejjem trid tara x'għamel hu lbieraħ:

noħorġu - ħareġ
serqet - seraq
waqgħet - waqa'



- Biex issib l-Għerq trid tagħżel **il-konsonanti** tal-Mamma:

ħareġ - ħ-r-ġ
rikeb - r-k-b
waqa' - w-q-għ



# L-Għerq



- Il-konsonanti tal-Għerq iridu jibqgħu wara xulxin:
  naqbżu – <u>q</u>a<u>b</u>e<u>ż</u> – **q-b-ż** (mhux b-ż-q)

- Jekk il-verb jispiċċa b'apostrofu, fl-Għerq dan jinbidel u jsir GĦ: laqa' – l-q-għ

- L-GĦ għandha titqies bħala konsonanti waħda.

| | | |
|---|---|---|
| baqa’ | – | b-q-għ |
| tilef | – | t-l-f |
| ħabb | – | ħ-b-b |
| għaraf | – | għ-r-f |
| kiser | – | k-s-r |
| bidel | – | b-d-l |
| kiteb | – | k-t-b |
| ħadem | – | ħ-d-m |
| sema’ | – | s-m-għ |

X’qed tinnota fl-Għerq ta’ dawn il-verbi?

Tweġiba:

L-Għerq fih 3 konsonanti

Sib il-Mamma ta’ dawn il-verbi:

fixklet
ċaqlaqtu
gerfixt
inkaxkru
dendlet
pespist
infarfar

Il-Mamma:

fixkel
ċaqlaq
gerfex
kaxkar
dendel
pespes
farfar

# Issa sib l-Għerq:

| Il-Mamma | L-Għerq |
|---|---|
| fixkel | f-x-k-l |
| ċaqlaq | ċ-q-l-q |
| gerfex | g-r-f-x |
| kaxkar | k-x-k-r |
| dendel | d-n-d-l |
| pespes | p-s-p-s |
| farfar | f-r-f-r |

# X'hemm differenti f'dawn l-Għeruq?

- L-għerq fih 4 konsonanti

- Verb li jkun fih 4 konsonanti fl-Għerq jissejjaħ **Verb Kwadrilitteru.**

- Verb li jkun fih 3 konsonanti fl-Għerq jissejjaħ **Verb Trilitteru.**

- Il-Verb Semitiku jista' jkollu BISS 3 jew 4 konsonanti fl-Għerq.

# Il-Verb Sħiħ u Dgħajjef

- Fil-Malti, il-konsonanti dgħajfin huma tnejn: **il-j u l-w.**
- **Il-Verb Sħiħ** ma jkollux **j** jew **w fl-Għerq.**
- **Il-Verb Dgħajjef** ikollu **j** jew **w** fl-Għerq.

# Il-Verb Sħiħ

- Kif tafu, il-Verb Sħiħ jista' jkun Trilitteru jew Kwadrilitteru.

- Ifred dawn il-verbi skont humiex Trilitteri jew Kwadrilitteri. Tinsiex qabel tiddeċiedi x'tip ta' verb hu, agħmlu fil-Mamma.

*dendel; ħarġet; niktbu; ksirt; farfarna; qtilt; nisirqu; inċapċap; infixklu; fesfisna*

| Trilitteri Sħaħ | Kwadrilitteri Sħaħ |
| --- | --- |
| ħarġet | dendel |
| niktbu | farfarna |
| ksirt | inċapċap |
| qtilt | infixklu |
| nisirqu | fesfisna |

# Tipi differenti ta' Verbi Sħaħ

Hemm tliet tipi ta' Verbi Sħaħ. Biex tara liema huma, sib il-verb li ma jaqbilx mal-oħrajn u poġġih f'kolonna għalih.

1. ħareġ; ħabb; kiser; laqat
2. karkar; farfar; xamm; ċapċap
3. mess; ħass; rikeb; daqq

# Verbi Sħaħ

| Trilitteri | Kwadrilitteri | |
|---|---|---|
| ħareġ | karkar | ħabb |
| kiser | farfar | xamm |
| laqat | ċapċap | mess |
| rikeb | | ħass |
| | | daqq |

# Il-Verb Sħiħ Trux

- Verb Trux hu verb li għandu **l-aħħar żewġ konsonanti tal-Għerq bħal xulxin.**

- Dawn jidhru meta l-verb inpoġġuh fil-Mamma u wara nsibu l-Għerq.

| | | |
|---|---|---|
| ħabbet | ħabb | ħ-b-b |
| xammejtu | xamm | x-m-m |
| immiss | mess | m-s-s |
| ħasset | ħass | ħ-s-s |
| indoqqu | daqq | d-q-q |

# Il-Verb Dgħajjef

- Il-Verb Dgħajjef ikollu **j jew w** fl-Għerq tiegħu. Peress li l-**j** u l-**w** huma konsonanti dgħajfin, mhux dejjem jidhru fl-Għerq u għalhekk irridu nsibuhom aħna.

- Hemm **3 tipi** ta' Verbi Dgħajfin:

**Xebbiehi, Moħfi u Nieqes**

# Agħżel dak il-verb li ma jaqbilx mal-oħrajn u agħti raġuni valida. Wara, aqsam f'kolonni.

| | |
|---|---|
| karkar | wiżen |
| ċapċap | farfar |

daqq

xamm

wiret

ħass

wasal

waqaf

waqa’

damdam

# X’tip ta’ verbi huma dawn?

- karkar
- ċapċap
- farfar
- damdam

- daqq
- xamm
- ħass

# Verbi Xebbihin

- wasal
- wiżen
- wiret
- waqaf
- waqa’

**Verb Xebbiehi** hu verb li meta jkun fil-Mamma, **jibda bil-konsonanti dgħajfa ‘w’.**

# Issa sib il-Mamma u l-Għerq tal-Verb Xebbiehi

- wasal
- wiżen
- wiret
- waqaf
- waqa'

- w-s-l
- w-ż-n
- w-r-t
- w-q-f
- w-q-għ

Agħżel dak il-verb li ma jaqbilx mal-oħrajn u agħti raġuni valida.

(Ħjiel: Sib il-Mamma tal-verb!)

Wara, aqsam f'kolonni.

| | |
|---|---|
| niġri | nirkeb |
| nifred | nixrob |

nirtu

nixwu

naqgħu

naslu

mxiet

ġriet

kisret

ksiet

# Aqsam il-verbi fi tliet kolonni. Wara, sib x'tip ta' verbi huma.

nirkeb – rikeb – r-k-b
nifred – fired – f-r-d
nixrob – xorob – x-r-b
kisret – kiser – k-s-r

nirtu – wiret – w-r-t
naqgħu - waqa' - w-q-għ
naslu – wasal – w-s-l

Sa Oriana Bonnici - Kulleġġ St.Jeanne Antide, Ħal Tarxien

# Sib il-Mamma u l-Għerq tal-verb **Nieqes**

Il-Verb Nieqes hu verb li għandu l-konsonanti **'j' nieqsa fit-tarf.** Insibu l-konsonanti nieqsa billi **noħorġu nom mill-verb.** Eż. beka (bikja) - b-k-j

| Verb | Mamma | Għerq |
|---|---|---|
| niġri | ġera (ġirja) | ġ-r-**j** |
| nixwu | xewa (xiwja) | x-w-**j** |
| mxiet | mexa (mixja) | m-x-**j** |
| ġriet | ġera (ġirja) | ġ-r-**j** |
| ksiet | kesa (kisja) | k-s-**j** |

Sa Oriana Bonnici - Kulleġġ St.Jeanne Antide, Ħal Tarxien

# Ftakar...

- Il-Verbi Neqsin **qatt ma jieħdu apostrofu** fl-aħħar flok il-**j** nieqsa. Mod faċli kif tinduna jekk il-verb jispiċċax bl-apostrofu hu billi **tqiegħed il-verb fin-negattiv**.
- Jekk il-verb fin-negattiv jispiċċa **-ax** mela dak il-verb **jispiċċa bl-apostrofu.**
- Eżempju: waqa' - ma waq**ax** (w-q-**għ**), tefa' - ma tef**ax** (t-f-**għ**)
- Jekk il-verb fin-Negattiv jispiċċa **-iex** mela dak il-verb **m'għandux apostrofu.**
- Eżempju: nesa - ma nes**iex** (n-s-**j**), kesa - ma kes**iex** (k-s-**j**)

# Agħżel dak il-verb li ma jaqbilx mal-oħrajn u agħti raġuni valida. Wara, aqsam f'kolonni.

| | |
|---|---|
| beka | mexa |
| dar | ġera |

tiret

tħit

tasal

tieqaf

| | |
|---|---|
| immorru | inbusu |
| niksu | inbigħu |

# Aqsam il-verbi fi tliet kolonni. Għajnuna: Sib il-Mamma tal-verb! Wara, sib x'tip ta' verbi huma.

tiret – wiret – w-r-t

tasal – wasal – w-s-l

tieqaf – waqaf – w-q-f

beka – beka – b-k-j

mexa – mexa – m-x-j

ġera – ġera – ġ-r-j

niksu – kesa – k-s-j

# Sib il-Mamma u l-Għerq tal-verb **Moħfi**

Il-Verb Moħfi hu verb li għandu l-konsonanti **'j' jew 'w' nieqsa fin-nofs.** Inkunu nafu liema hi l-konsonanti nieqsa billi **nagħmlu l-verb fil-kmand.** Jekk nisimgħu l-ħoss ta' 'w' jfisser li hemm il-konsonanti 'w' moħbija fin-nofs. Jekk nisimgħu l-ħoss ta' 'j' jfisser li hemm 'j' moħbija fin-nofs. **Eż. tar (tir) – t-j-r; far (fur) – f-w-r**

| **Verb** | **Mamma** | | **Għerq** |
|---|---|---|---|
| dar | dar | (dur) | d-**w**-r |
| tħit | ħiet | (ħit) | ħ-**j**-t |
| inbusu | bies | (bus) | b-**w**-s |
| immorru | mar | (mur) | m-**w**-r |
| inbigħu | biegħ | (bigħ) | b-**j**-għ |